**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 34**

**Data: 23 ta‘ Dicembru, 2021**

**Hin: 08.30am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b’dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

34.1 Qari tal-ittri ta’ apologiji;

33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

34.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

34.5 Korrispondenza u Rapporti;

34.6 Attivitajiet;

34.7 Xogholijiet u Progetti;

34.8 Materji ohra;

34.9 Skeda ta' Pagamenti;

33.10 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**34.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

34.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

35.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

33.3.1 Is-Sindku qal li l-attivita' marbuta ma' l-*ice skating* tidher li kienet ghaddeja tajjeb skond kif ippjanata u li kien qed ikun hemm in-nies. Huwa zied jghid li jista' jinqala l-kaz li din ikollha tinghalaq qabel iz-zmien previst minhabba s-sitwazzjoni tal-pandemija. Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi skond il-htiega.

33.3.2 Is-Sindku issugerixxa li t-token li ser tinghata lit-tfal ghaz-zmien il-Milied minhabba s-sitwazzjoni prezenti huwa ahjar li jigu avzati l-genituri biex jigbruhom mill-Kunsill u mhux issir xi tip ta' attivita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat sms lill-gentituri tat-tfal li jmorru skola primarja biex jigru dan ir-rigal. Il-Kunsill qabel unanimament

33.3.3 Gie innotat li minhabba impenji l-ikla tal-Milied ta' l-istaff u kunsilliera ma kienetx ser issir bhas-soltu u ghaldaqstant ser tinghata token zghir ta' tifkira lill-Kunsilliera u lir-residenti. Il-Kunsill qabel ma' dan.

33.3.4 Gie spjegat li t-token tal-Milied li ser jinghata lill-familji ser jitqassam ghada mill-haddiema tal-Kunsill. Dawn ser ikunu qeghdin ihabbtu l-bieb u jhallu r-rigal wara l-bieb.

**34.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

34.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**34.5 Korrispondenza u Rapporti**

34.5.1 Giet trattata ittra minghand is-Sur George Said fejn dan ippropona li l-Kunsill jiehu in konsiderazzjoni li tisemma triq jew isiru bust tas-Sur Rikardu Buhagiar li kien surmast gewwa l-Gharb. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jiehu dan in konsiderazzjoni.

34.5.2 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ta' l-awtorita' ta' l-Ippjanar:

PA/07944/21, PA/08388/21, PA/08484/21, PA/08519/21, PA/08748/21 u PA/08805/21.

**34.6 Attivitajiet**

34.6.1 Is-Sindku qal li l-Kuncert ta' Dreams of Vienna kellu jigu kkancellata minhabba s-sitwazzjoni prezenti tal-panedemija.

34.6.2 Attivitajiet ohra previsti ghax-xhur li gejjin huma attivita' tal-Valentine u dik tal-Karnival. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jergghu jigu diskussi fil-laqgha li jmiss.

**34.7 Xogholijiet u Progetti**

34.7.1 Bhala xogholijiet kien hemm dawk tal-gnien fiz-zona ta' San Dimitri fejn dawn ghaddejjin bi gmielhom u qeghdin joqorbu biex jitlestew.

34.7.2 Xogholijiet ohra huwa dawk ta' Triq ta' Sdieri fejn parti minn din it-triq cediet u qeghdin isiru x-xogholijiet mehtiega fejn ser issir bazi tac-cement tistrieh min fuq hajt ghal hajt tal-arkata. Sakemm jitlestew ix-xogholijiet mehtiega din inghalqet biex jigu evitati incidenti.

34.7.3 Gie spjegat li l-progett taht il-Mizura 4.4 tal-hitan tas-sejjieh huwa weqfin fil-prezent.

34.7.4 Gie spjegat ukoll ix-xogholijiet li ghaddejjin fuq il-kumpess fi Triq Tumas Cassar fejn jidher li s-sitwazzjoni ta' l-ilma giet solvuta ukoll. Is-Sindku qal li bhala parti mill-progett li kien applika ghalih il-club tal-futbol giet l-heat pump u fil-jiem li gejjin ser jigu delivered l-airconditions ukoll. L-unika problema li ghad baqa' huwa l-floodlights li ma jahdmux kollha pero' wara li saru verifiki gie innotat li ahjar jistnnew dawk LEDs ghax il-prezz ghall-godda huwa gholi wisq u mhux vijabbli li tixtrihom biex jintuzaw b'mod temporanju.

34.7.5 Fuq il-progett tat-toroq qed isiru preparamenti sabiex tinbeda triq ohra li ser tkun jew Tumas Cassar jew Triq l-Isqof M. Molina. Li wiehed irid jara huwa li x-xoghol ikun lest sa qabel zmien il-festa. Tkompliet id-diskussjoni fuq din il-materja fejn il-Kunsill qabel li ghandhom jindbew ix-xogholijiet fuq Triq l-Isqof M. Molina u l-kuntrattur jigi nfurmat li din trid tkun lesta qabel zmien il-festa.

**34.8 Materji ohra**

34.8.1 Giet diskussa l-applikazzjoni ta' l-Accessibilita u Mobilita'.

Is-Sindku ressaq il-proposta biex il-Kunsill Lokali jipproponi progett kontinwazzjoni ta' dak precedent li l-Kunsill Lokali ssottometta fl-applikazzjoni precedent ta' l-iskema mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, Strategija u Implimentazzjoni ta' *Policy.* Fit-tieni parti ta' dan il-progett se naraw kif inkomplu niffacilitaw is-servizzi relatati mac-Centru ta' respite u s-servizz tal-vetturi elettrici. Wara li sar l-istudju mehtieg minn agenzija imqabbda apposta, il-Kunsill jinsab f'pozizzjoni ahjar beix itejjeb l-accessibilita' u l-mobilita' fil-lokalita'. B'zieda ma' l-ewwel progett, se nintroducu ghall-ewwel darba zoni

pedonali fl-istess zona u postijiet ohra fil-vicinanzi. Mezz iehor biex jissahhah dan il-kuncett se jkun il-holqien ta' applikazzjoni multi-lingwali (one-stop-shop app) li se sservi ta' gwida bhala l-ewwel imprezzjoni qabel il-visita' fizika fil-lokalita'. Id-Dipartiment se jkun qeighed johrog 85% ta' l-ispiza totali u l-Kunsill Lokali se jkun qed johrog 15%. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel unanimament.

34.8.2 Joseph Mizzi ghadda informazzjoni li kellu fuq Dun Alwig Mizzi kif kien maqbul fil-laqgha precedenti.

**34.9 Skeda ta' Pagamenti**

34.9.1 L-Iskeda tal-pagementi giet approvata unanimament mill-Kunsill.

34.9.2 Il-Kunsill approva ukoll l-iskeda ta' l-Opra u dik ta' l-attivitajiet tal-Milied.

**33.10 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

33.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 27 Jannar 2022 fit-8.30am.

33.11.2 Il-laqgha spiccat fil-09.10am

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |